# KUMITAT REGJONALI XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

## Minuti tal-Laqgha Nru. 56 / 2014

Il-Laqgha Nru 55/2014 tat-Tieni Amministrazzjoni saret
l-Erbgha 19 ta' Novembru,2014 fis-6.30pm
fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kumitat Regjonali Xlokk
f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

(wara li l-Laqghat Amministrattivi Nos 53 u 54 li kellhom isiru fit-30 t'Ottubru,2014 u fl-4 ta' Novembru,2014 rispettivament ma sarux minhabba li ma kienx hemm quorum)

| **Prezenti *ghal*-laqgha:** | **Attendenza:** |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President |
| Is-Sur Mario Calleja | Sindku M'Scala |
| Mr Christian Micallef | Vici-Sindku Valletta |
| Is-Sur J Attard | Sindku Zejtun |
| Dr Matthew Paris | Vici-Sindku Furjana |
| Mr Carmel Bugeja | Vici-Sindku M'Xlokk |
| Mr Marc Vella Bonnici | Sindku Zabbar |
| Is-Sinj. Speranza Chircop | Sindku Kalkara |
| Is-Sinj. Tania Belfiore | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzat :**
Is-Sur Justin John Camilleri – Sindku Isla
Is-Sinj. Alison Zerafa Civelli – Sindku Bormla

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha fis-6.30pm.

### Qari u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti

1.1 Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 52/2014 mizmuma fid-29 ta' Settembru,2014 u l-Iskeda ta' Pagamenti kienu gew iċċirkolati minn qabel, u ghalhekk il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija, u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti, liema Minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv. L-Iskeda tal-Pagamenti li giet ukoll approvata, giet iffimata

wkoll minn zewg membri tal-Kumitat. Wiehed izid ukoll li l-Vici- Sindku tal-Furjana, Dr Matthew Paris, astjena milli japprova Item no 21 fuq l-imsemmija skeda minhabba l-fatt li huwa ghandu l-kariga ta' Konsulent Legali mal-Aurelia.

## Arising

### Il-Performance tal-Kumpanija Guard & Warden fir-Regjun Xlokk

2.1

Il-President, ix-Chev. Paul Farrugia, beda biex informa lil dawk prezenti dwar is-sitwazzjoni tal-wardens fir-Regjun. Filwaqt li hadd ma jista' jinnega li l-performance hija wahda ferm ahjar, diversi kunsilli fi hdan ir-Regjun qeghdin iressqu diversi ilmenti. Dan qed isir ghaliex fen qabel ma kienx hemm sistema tajba, issa qieghed ikun hemm it-tgergir ghaliex il-kumpanija tal-Guard & Warden qeghda taghmel xoghol sew u infurzar kif suppost.

Is-Sur Joe Attard, Sindku taz-Zejtun, intervjena fid-diskussjoni u qal li d-differenza bejn is-servizz tal-infurzar lokali li kien jinghata qabel u bejn dak li qieghed jinghata issa jinhass sew. Kompla jghid li l-wardens prezenti huma bil-wisq aktar iddixplinati u li fi tmiem ta' kull gurnata qeghdin jaghtu rendikont ta' x'ghamlu u m'ghamlux. Izda, huwa lmenta li l-kunsilli m'ghadx ghandhom kuntatt tal-Authorised Officer, (li ma baqax jopera minn ufficcju gewwa r-Regjun imma minn ufficcju f'San Gwann), u ghalhekk lanqas biss ma huma nfurmati x'qieghed isir mill-wardens fil-lokalitajiet taghhom. Huwa wera x-xewqa li fis-sistema li qeghda tithaddem, il-kunsilli involuti jinqdew ahjar.

Il-President, ix-Chev. Paul Farrugia informa lill-Kumitat li huwa qieghed kontinwament f'kuntatt mas-Sur David Soler li huwa l-kuntrattur ewlieni u ghalhekk meta tinqala' xi problema ghandhom javvicinaw lilu (lis-Sur Soler). Il-President informa ukoll lill-Kumitat li ser issir rikjesta lis-Sur Soler sabiex jibda jiltaqa' mal-kunsilli lokali kollha.

Intervjena wkoll is-Sur Mario Calleja, Sindku ta' M'Skala, li sahaq li l-Authorised Officer qieghed stazzjonat wisq il-boghod biex jaqdi r-rikjesti u l-problemi tal-lokalitajiet fi hdan ir-Regjun. Ilmenta ukoll li l-infurzar f'dak li jinvolvi l-ambjent huwa fqir wisq.

Il-President, ix-Chev. Paul Farrugia ddikjara li fil-fatt ir-Regjun ghadu ftit batut f'dak li jikkoncerna wardens tal-ambjent izda zid jghid ukoll li gewwa l-belt Valletta sar progress kbir f'dan ir-rigward. Ippropona biex ufficcjal mill-kumpanija Guard & Warden tiltaqa' mas-Sindki tar-Regjun fejn jinghata rapport ta' fejn hadmu il-gwardjani lokali fil-lokalitajiet. Laqgha simili diga' saret mas-Sindku ta' M'Skala.

Sar qbil ukoll li s-Supretendent tal-kumpanija Guard & Warden ghandu jibghat rapport dwar il-performance lil kull kunsill lokal rispettiv kif ukoll isiru laqghat flimkien ma' kull kunsill lokali.

## 3.1 Tribunal taz-Zejtun

Il-President spjega lill-Kumitat li ir-Regjun ha hsieb biex jigbor kwotazzjonijiet ghall-ghamara tal-ufficcju tat-Tribunal taz-Zejtun, liema kwotazzjonijiet inzammu fuq l-ixkaffa wara li f'isem ir-Regjun, is-Segretarju Ezekuttiv talab formalment ghajnuna minn naha tal-Ministeru ghal ghamara u xoghol elettriku li ghandu jsir sabiex it-Tribunal jiffunzjona kif suppost. Intant il-membri tal-Kumitat li kienu prezenti waqt din il-laqgha gew infurmati mis-Segretarju Ezekuttiv li wara perjodu ta' zmien ta' stennija ghal risposta, hi giet infurmata verbalment mill-Advisor tal-Ministru li l-ghamara li kienet intalbet ma kienetx possibbli li tinghata ghal raguni semplici li ma kienx hemm. Rigward t-talba ghal electrician biex jahdem fuq ix-xoghol elettriku gewwa t-Tribunal, is-Segretarju Ezekuttiv giet infurmata li l-unika persuna li setghat taghmel dan ix-xoghol kien impenat fuq xoghol gewwa l-qrati.

Bhalma ma ghamel fil-laqgha precidenti, is-Sur Joseph Attard, Sindku taz-Zejtun rega' insista li t-Tribunal huwa parti mis-sistema gudizzjarja Maltija u b'kawza ta' dan l-ispejjez ghandhom jigu koperti mill-Ministeru kkoncernat li ghandu wkoll ikun responsabbli ghall-hlas tal-Kummissarju u anke tal-impjegati tat-Tribunal. Qal ukoll li meta nholoq t-Tribunal, l-ghamara kien forniha il-Ministeru.

Fuq suggeriment tas-Sindku taz-Zejtun, is-Sur Joe Attard, intlahaq qbil unanimu li tintalab laqgha mal-Ministru sabiex jigu diskuss t-Tribunal taz-Zejtun u l-ispejjez kollha li jgorr mieghu.

**<u>Tender tad-Dawl</u>**

Il-President gibed l-attenzjoni tal-Kumitat rigward it-Tender tad-dawl li harget f'isem ir-Regjun Xlokk u li waqt laqgha li saret xi zmien ilu kien hemm madwar sebgha kunsilli li urew l-interess li jissiehbu flimkien.

Huwa fiehem lil dawk presenti li facilment kull Sindku jista' jigi b'persuna teknika mieghu jigi jara x'tinvolvi t-tender, gewwa l-binja tar-Regjun. Huwa enfasizza li fl-ebda hin u ghal-ebda cirkostanza t-tender jinhareg barra mill-ufficcji tar-Regjun.

Hawnhekk intervjena s-Sindku taz-Zejtun, fejn iddikjara li l-lokalita' tieghu, cioe' iz-Zejtun flimkien mal-lokalitajiet ta' M'Skala, M'Xlokk, Haz Zabbar u u xi lokalitajiet ohra barra r-Regjun, inghaqdu biex johorgu t-tender tad-dawl ghal rashom. Huwa sahaq li din ma kienet kwestjoni li hemm xi haga kontra r-Regjun, pero' huwa emmen li it-toroq tal-lokalitajiet jappartjenu lill-lokalitajiet infushom u ghalhekk ir-Regjun m'ghandux jidhol fiha. Barra minn hekk, kompla jghid li fil-budget li jmiss ser ikun ikun hemm somma ta' flus allokata ghal kull lokalita' ghad-dawl fir-toroq. Allura, b'dik is-somma f'idejn il-lokalitajiet, jekk il-kunsilli jinghaqdu bhala grupp, it-termini ta' pagament lil kuntrattur ikunu ferm aktar vantaggjuzi. Kompla biex qabbel il-fatt li jkun hemm cans kbir li bhalma gara fil-kaz tal-wardens, il-kunsilli jitilfu wkoll kull kontroll fuq il-kuntratturi. Temm jghid li f'dan l-argument, bla ebda mod ma huwa inaqqas mill-fiducja li ghandu fil-President, ix-Chev. Paul Farrugia.

Il-President, ix-Chev. Paul Farrugia, sahaq li l-ghan ta' din t-tender hu li r-Regjun johloq kuncett li mir-Regjun jiggwadanjaw il-lokalitajiet involuti.

Tqajmu wkoll diversi mistoqsijiet minn dawk prezenti, fosthom mill-Vici Sindku tal-Belt fejn staqsa jekk huwiex possibli li l-kuntrattur li jiehu t-tender ikollu sistema li

awtomatikament tindikalu qtugh ta' bozza. Staqsa wkoll jekk huwiex possibli li ikun hemm installazzjoni ta' Wifi mal-arbli sabiex iservu ta' hotspots specalment ghat-turisti u li dan ikun bi hlas.

Is-Sindku ta' M'Skala staqsa wkoll jekk is-servizz tad-dawl huwiex ser ikun efficjenti bhal dak li ghandhom prezentament.

## UN Global Cities

Il-President, fakkar lill-Kumitat fil-Pjan ta' Azzjoni Regjun Xlokk li huwa baghat lill-kunsilli lokali kollha fir-Regjun u staqsa jekk minn naha taghhom kienx hemm xi kummenti jew/u suggeriment.

Is-Sur Joe Attard, Sindku taz-Zejtun, staqsa kif jiffunzjoni u ezattament x'jinvolvi.

Il-President, ix-Chev Paul Farrugia, spjega lill-membri tal-Kumitat li hemm diversi punti msemmija fih fosthom fondi ewropej u fondi ohra li ma jinvolvu l-ebda spejjez.

Kompla jghid li behsiebu jlaqqa' lis-Sindki ma' Malcolm Borg, sabiex ikollhom aktar dettalji.

Is-Sindku ta' Haz Zabbar stqarr li kien qieghed jaqrah izda peress li huwa rapport volumuz, hu ma kienx ghadu qrah kollu.

## Earth Systems tal-Gabbani/Permessi Temporanji

Il-Vici-Sindku tal-Furjana informa lill-Kumitat li inharget circulari ufficcjali indirizzata lill-kunsilli lokali fejn gew infurmati li l-gabbani li jintramew fl-attivitajiet diversi  u li jitolbu temporarjament permessi tad-dawl ghandhom jigu pprovduti l-*earth system* a' spejjez tal-kunsill.

Il-President, ix-Chev. Paul Farrugia, informa lill-Kumitat li kien ser jindaga fuq din il-kwestjoni u li ser jinforma l-AKL dwar din il-kwestjoni.

## AFFARIJIET OHRA

## L-Emblema tar-Regjun

Il-Kumitat gie pprezentat diversi *draft letterheads* ghal-emblema tar-Regjun sabiex finalment jigi deciz liema wahda hija l-aktar addatta ghall-*letterhead* ufficcjali tar-Regjun.

L-ghazla saret u giet approvata unanimament.

## Laqgha Annwali

Il-President, is-Sur Paul Farrugia, issugerixxa li l-Laqgha Annwali tar-Regjun Xlokk ghandha ssir f'Jannar 2015.

Informa wkoll lil dawk prezenti li ser isir tentattiv biex ir-Regjun igib *backing* finanzjarju mill-kumpanija Guard & Warden.

Il-Kumitat qabel unaninament mal-proposta tal-President.

## Computer Courses fir-Regjun

Il-President ipprezenta lill-Kumitat proposta li ntbaghtet mis-Sur Ray Abela mit-TCTC. Spjega li bhala budget ser ikun ta' €5,000 - €9,000 u li jikkoverja l-progetti LEARNIT, IKIDS fis-sajf 2015 u ECDL Grants. EBIZ flimkien mall-Ministeru ser ikun offrut b'xejn ghal kulhadd f' Marzu 2015. Dawn il-korsijiet ser ikunu organizzati gewwa centri fir-regjun stess. L-iskop ta' dawn l-isponsors/ ghajnuna hu li kunsilli li ma jistghux joffru dawn il-korsijiet b'xejn minhabba limitazzjonijiet logistici jew finanzjarji, u biex ir-regjun ikolli l-irwol socjali u exposure. Spjega wkoll li minhabba l-fatt li l-budget jaqbez l- €1,100 ir-Regjun ikollu johrog sejha ghall-kwotazzjonijiet.

Intant informa lill-Kumitat li behsiebu jiddiskuti aktar fid-dettal din il-proposta mas-Sur Abela.

## Pagamenti lill-Kumpanija Relos

Il-President informa lill-Kumitat li s-Sur David Soler, f'isem il-kumpanija Relos qed jitlob li il-pagament li l-kumpanija tiehu mir-Regjun Xlokk ghandu joghla minhabba li l-lokalitajiet tal-Belt, Furjana u Marsa li sa Ottubru 2014 kien jiehu hsiebhom s-Sur Ernest Tonna bhala Authorised Officer, issa saru r-responsabilita' tar-Relos. Il-President informa wkoll lill-Kumitat li s-Sur Soler talab ukoll ufficcju fir-Regjun ghas-Sur John Bonavia, li huwa l-AO inkarigat mir-Regjun Xlokk.

Il-President informa lill-Kumitat li ghalkemm huwa kien lest li jinnegojza mas-Sur Soler rigward l-possibilita' li l-pagament jghola, huwa ma huwiex lest li jinnegozja jew jiddiskuti t-tieni talba tas-Sur Soler, cioe' ufficcju alternattiv ghas-Sur John Bonavia.

Il-Kumitat qabel dwar dan u l-President ser jinnegozja mas-Sur Soler dwar it-talba tieghu.

**Gheluq tal-Laqgha u Aggornament**

Il-Laqgha ntemmet fit-8:00pm.

Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar il-Gimgha 19 ta' Dicembru, 2014 fis-6:00 fl-Ufficcju Amministrattiv tar-Regjun Xlokk.

–

| | |
|---|---|
| **Chev. Paul Farrugia**<br>**President** | **Tania Belfiore**<br>***Segretarju Ezekuttiv*** |

Minuti approvati llum , ta' 2015.